L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI SUPPLIMENTARI 2023**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | I |
| DATA: | 1 ta' Settembru 2023 |
| ĦIN: | mid-9:00 a.m. sal-10:50 a.m. |

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA** tal-karta. Ikteb b'Malti tajjeb u idjomatiku.

## L-EWWEL TAQSIMA:

## IL-KOMPONIMENT

**Ikteb madwar 350 kelma fuq WIEĦED minn dawn is-suġġetti:**

1. It-trasport tal-massa huwa neċessità f'pajjiżna? Iddiskuti.

2. Irrakkonta ġrajja tal-biża' li seħħet bejn sema u ilma.

3. Il-wirt kulturali ta' pajjiżna.

4. Iddeskrivi ġurnata xitwija f'Malta.

**(Total: 25 marka)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IT-TIENI TAQSIMA:**

**A. FEHIM IT-TEST**

**Aqra s-silta li ġejja u wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA ta' wara.**

**Il-ħsara tas-sigaretti fuq id-dinja**

Minn meta konna żgħar, dejjem konna niġu mgħallma dwar il-ħsara permanenti li jġib miegħu t-tipjip. Min jaf kemm-il darba kellna laqgħat ta' informazzjoni fl-iskejjel jew saħansitra rajna u smajna programmi televiżivi jew tar-radju dwar l-importanza li nevitaw it-tipjip u ma noqogħdux f'postijiet fejn it-tipjip huwa permess. Kulħadd kien jgħidilna, "La tieħu wieħed, tispiċċa tibqa' għaddej u jsir vizzju." Ħafna drabi, ilkoll kemm aħna konna nieqfu biss fuq il-ħsara li jista' jagħmel lil ġisimna. Imma kemm hawn minnkom li jafu  kemm hu ħażin għad-dinja li ngħixu fiha? Mill-mument li ż-żerriegħa tmur fil-ħamrija sal-mument li l-weraq jitnixxef u jitqatta', jitqabbdu mal-1.1 biljun sigarett fid-dinja li t-tabakk tagħhom iħalli traċċa ta' qerda liema bħalha.

Ir-riċerkaturi mill-Imperial College ta' Londra sabu li l-impronta tal-karbonju annwali tal-industrija hija kważi d-doppju ta' dik ta' Wales. L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) tisħaq li jekk nibqgħu nkabbru x-xtieli tat-tabakk biex tintlaħaq id-domanda, se jkollna qerda ambjentali devastanti. It-tkabbir tat-tabakk u t-tnixxif tal-weraq jammontaw għal aktar minn 75 fil-mija tal-impronta tal-karbonju tat-tabakk. Il-kultivazzjoni tat-tabakk teħtieġ meded kbar ta' art, teqred il-ħamrija, tikkonsma ħafna ilma u enerġija, kif ukoll tagħmel użu minn ħafna pestiċidi u fertilizzanti li jniġġsu x-xmajjar u l-ilma tal-pjan.

It-trasport u l-manifattura tas-sigaretti jżidu mal-problema tat-tniġġis. Skont *Unfairtobacco.org*, proġett immexxi mill-Working Group ta' Berlin dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp, l-industrija tuża 2.4 miljun tunnellata ta' karta tas-sigaretti u kartun għall-ippakkeġġjar kull sena. Imbagħad hemm il-loqom infushom. Minn kważi sitt triljun sigarett li jitpejpu kull sena, 4.5 triljun huma mormija bl-addoċċ. Il-Parlament Ewropew jgħid li loqma waħda ta' sigarett tista' tniġġes sa 1,000 litru ilma b'sustanzi tossiċi, li jistgħu jsibu ruħhom lura fil-katina tal-ikel tagħna.

Il-gvernijiet dinjija, u ta' Malta mhux eċċezzjoni, iridu jassiguraw li l-kumpaniji tat-tabakk ikunu responsabbli tal-impatt ambjentali tagħhom. Intant, għalkemm għal xi wħud, l-aktar mod faċli biex wieħed idur madwar il-ħsara li jagħmlu s-sigaretti hu li jagħmel użu mill-alternattivi elettroniċi, l-effetti fit-tul ta' dawn tal-aħħar fuq saħħet il-bniedem għadhom mhux magħrufa. Lanqas mhu magħruf l-impatt tal-iskart tagħhom fuq l-ambjent.

Il-leġiżlaturi Ewropej jgħidu li għadhom ma sabux tarf ta' kif jirregolarizzaw ir-rimi tagħhom u dan minħabba n-nuqqas ta' informazzjoni. Imma l-ħafna materjali li jsawru sigarett elettroniku, inkluż il-plastik u l-ħġieġ, u sustanzi tossiċi bħan-nikotina, mhux se jagħmlu r-riċiklaġġ faċli. L-aktar punt kritiku hu li għandu jinħoloq mekkaniżmu li jħares kif is-sigaretti elettroniċi qed jintremew. L-Unjoni Ewropea wkoll issostni li trid tittieħed deċiżjoni dwar kif is-sigaretti elettroniċi jkunu trattati bħala skart tossiku. Il-falliment biex tittieħed azzjoni qed iħasseb lill-ambjentalisti għax hi biss kwistjoni ta' żmien qabel ma s-sigaretti elettroniċi u l-loqom tradizzjonali jibdew jinstabu mormija ħdejn xulxin fuq xi bajja ramlija. Nittamaw li l-azzjoni tiġi qabel il-paroli!

*(Addattament minn artiklu fis-sit http://weekly.uhm.org.mt/)*

**Wieġeb il-mistoqsijiet fuq dak li għadek kif qrajt:**

1. X'tip ta' ħsara jagħmlulek is-sigaretti? (2)
2. Semmi **ŻEWĠ** ħsarat li tagħmel il-kultivazzjoni tat-tabakk fuq l-ambjent. (2)
3. Semmi **ŻEWĠ** tipi ta' skart li tħalli warajha l-manifattura tas-sigaretti. (2)
4. Xi jridu jassiguraw il-gvernijiet tad-dinja? (2)
5. L-introduzzjoni tas-sigarett elettroniku ġabet magħha problemi ġodda. Għaliex? (2)
6. Fil-fehma tiegħek u minn dak li qrajt, għaliex taħseb li l-pubbliku inġenerali għandu jkun infurmat dwar il-ħsara tat-tabakk u s-sigaretti fuq l-ambjent? (2)

**B. GĦARFIEN IL-LINGWA**

7. Agħti kelma jew frażi oħra għal kull kelma li hija miktuba bil-**bold** skont is-silta ta' hawn taħt:

   **Ir-riċerkaturi** mill-Imperial College ta' Londra sabu li l-impronta tal-karbonju annwali tal-industrija hija kważi d-doppju ta' dik ta' Wales. L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) tisħaq li jekk nibqgħu nkabbru **x-xtieli** tat-tabakk biex tintlaħaq id-domanda, se jkollna qerda ambjentali **devastanti**. It-tkabbir tat-tabakk u t-tnixxif tal-weraq jammontaw għal aktar minn 75 fil-mija tal-impronta tal-karbonju tat-tabakk. Il-kultivazzjoni tat-tabakk teħtieġ meded kbar ta' art, teqred il-ħamrija, tikkonsma ħafna ilma u enerġija, kif ukoll tagħmel użu minn ħafna pestiċidi u fertilizzanti li **jniġġsu** x-xmajjar u l-ilma tal-pjan.

   (paragrafu 2)

   (4)

8. Sib kelma jew frażi minn paragrafu 5 li għandha din it-tifsira:
   a. dawk li jiktbu l-liġi;
   b. tgħid;
   ċ. jinkwieta;
   d. dawk li jħobbu l-ambjent. (4)

9. Liema hija l-espressjoni minn paragrafu 1 li turi li l-ħsara li jagħmel it-tabakk hija kbira? (2)

**(Total: 22 marka)**

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

## IT-TIELET TAQSIMA:

## IL-GRAMMATIKA

**Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA:**

Fuji jew Fugaku hija l-ogħla muntanja u vulkan fil-gżira ta' Honshū, il-Ġappun, u tlaħħaq madwar 3,776 metru. Hija wkoll it-tieni l-ogħla vulkan fuq gżira fl-Asja u s-seba' l-ogħla quċċata ta' gżira fid-dinja. Fuji hija stratovulkan rieqed li żbroffa l-aħħar mill-1707 sal-1708. Il-muntanja tinsab madwar 100 kilometru fil-Lbiċ tal-belt kapitali Tokjo u tidher minn hemm meta jkun bnazzi. Il-forma simetrika ta' Fuji, li jkun miksi bil-borra għal madwar ħames xhur fis-sena, spiss tintuża bħala ikona kulturali tal-Ġappun u sikwit tintuża fl-arti u fil-fotografija. Bosta viżitaturi u xabbaturi jżuruha kull sena. Fuji hija waħda minn "Tliet Muntanji Sagri" tal-Ġappun flimkien mal-muntanji Tate u Haku. Fuji titqies bħala post speċjali ta' sbuħija xenografika u hija wieħed mis-siti storiċi tal-Ġappun. Fit-22 ta' Ġunju 2013, Fuji żdiedet bħala sit kulturali fil-lista tas-Siti ta' Wirt Dinji tal-UNESCO. Skont l-UNESCO, Fuji "ispirat lill-artisti u lill-poeti u kienet destinazzjoni tal-pellegrinaġġi għal sekli sħaħ".

*(Addattament minn tagħrif fuq is-sit https://www.japan-guide.com)*

1. Sib u ikteb numru ordinali. (1)
2. Sib u ikteb nom fil-plural sħiħ Rumanz. (1)
3. Agħti l-għerq ta' **tlaħħaq**. (1)
4. Sib u ikteb aġġettiv fis-superlattiv (1)
5. Sib u ikteb pronom dimostrattiv. (1)
6. Agħti z-zokk morfemiku ta' **storiċi**. (1)
7. Mis-silta sib u ikteb partiċipju attiv ta' nisel Semitiku. (1)
8. Mis-silta sib u ikteb partiċipju passiv ta' nisel Semitiku. (1)
9. Agħti l-plural ta' **gżira**. (1)
10. Agħti s-singular ta' xhur. (1)
11. Mis-silta sib u ikteb verb tas-seba' forma. (1)
12. Agħti n-negattiv ta' **titqies**. (1)
13. Ikkonjuga l-verb **jżuruh** fl-ewwel persuna plural fil-imperfett. (1)
14. Oħroġ nom minn **pellegrinaġġi**. (1)

**(Total: 14-il marka)**

## IR-RABA' TAQSIMA:

## IR-RAPPORT

**Ikteb madwar 80 kelma fuq WIEĦED mis-suġġetti li ġejjin. Agħti titlu lir-rapport. Jekk se tuża ismijiet ara li jkunu fittizji.**

1. Immaġina li inti segretarju/segretarja f'għaqda u ġejt imqabbad/imqabbda mill-President sabiex tirrapporta argument jaħraq li seħħ waqt laqgħa tal-kumitat. Ikteb rapport biex jiġi miżmum fil-minuti tal-għaqda.

**JEW**

2. Jumejn ilu indunajt li sit elettroniku li bnejt inti ġie ħħekkjat minn xi ħadd anonimu. Ikteb rapport lit-taqsima tal-Pulizija li tinvestiga dawn l-atti kriminali, billi tgħid eżatt kif indunajt u biex ikunu jistgħu jieħdu azzjoni minnufih.

**(Total: 12-il marka)**

**IL-ĦAMES TAQSIMA:**

**L-ITTRA**

**Ikteb madwar 80 kelma fuq WIEĦED minn dawn is-suġġetti. Uża l-ismijiet u l-indirizzi mogħtija.**

1. Il-familja tiegħek ilha għal ġenerazzjonijiet sħaħ involuta fil-qasam tal-ikel, u tixtiequ tagħtu l-kontribut tagħkom fil-kontenut tal-ktieb 'Tisjir mill-Qalb 2023', li se joħroġ il-President ta' Malta għall-Istrina ta' din is-sena. Ikteb ittra lill-uffiċċju tal-President dwar ix-xewqa tiegħek u ta' familtek.

   Ismek: Andrea/Alessia Brincat
   L-indirizz tiegħek: 12, Triq il-Forn, Ħal Lija, LJA 1110.
   L-indirizz tal-Uffiċċju tal-President: L-Uffiċċju tal-President ta' Malta, Il-Palazz, Pjazza San Ġorġ, il-Belt Valletta, Malta.

**JEW**

2. Il-Kunsill tal-istudenti fi ħdan l-iskola tiegħek se jorganizza Lejla Maltija għall-ġenituri tal-istudenti kollha sabiex irawmu aktar imħabba lejn ilsienna u lejn dak kollu li hu Malti. Ikteb email ġenerika għall-iskola sabiex jgħadduha lill-ġenituri bid-dettalji kollha tal-attività.

   Ismek: Ryan/Romina Curmi
   L-indirizz elettroniku tiegħek: rcurmi@stud.com
   L-indirizz elettroniku ġeneriku tal-iskola: lejlamaltija@skola.com

Lil:
Mingħand:
Data:
Suġġett:

..........................................................................................................................

..........................................................................................................................

..........................................................................................................................

**(Total: 12-il marka)**

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI SUPPLIMENTARI 2023**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | IIB |
| DATA: | 1 ta' Settembru 2023 |
| ĦIN: | mill-4:00 p.m. sas-6:05 p.m. |

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA** tal-karta. Ikteb b'Malti tajjeb u idjomatiku.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**L-EWWEL TAQSIMA: IR-REFERENZA GĦALL-KUNTEST – IL-POEŻIJA**
**Agħżel silta WAĦDA (A JEW B).**

**A. Aqra sewwa din is-silta mill-poeżija *Fejn Jorqod ir-Riħ* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Fejn Jorqod ir-Riħ,*** Achille Mizzi

Ir-Riħ Fuq – dak ir-riħ li jiffriska,
li jnixxef, jixxotta.
Ir-Riħ Fuq – dak li jdewwi,
dak li jivvibra l-qliebi
bil-mużika tar-rebbiegħa,
dak li fix-xitwa
bir-reżħa jriegħed iz-zkuk.

Kollox nafu dwar ir-riħ!

Ir-Riħ Isfel – riħ il-moffa u l-indewwa,
miblul, Settembrin,
- riħ l-inbid li jiffermenta fil-btieti.
Jegħjew saħansitra qlugħ ix-xemx
jarbulaw biex ivinċu
iċ-ċlampu midliek.

Qatt ħadd ħolom
fejn jorqod ir-riħ?

Għidulu jinqala’ minn bejtu r-riħ,
ħa jonfoħ, għax mingħajru d-dakra ma ttuqx
u lanqas
il-ħajja
ma tiġġedded.

**Wieġeb:**

1. Fisser il-kuntrast li joħloq il-poeta bejn l-ewwel u t-tielet strofa ta’ din is-silta. X’tissejjaħ din il-figura tad-diskors? (4)

2. Minn din is-silta ta’ poeżija, ikkwota **ŻEWĠ** kelmiet li juru vitalità u **ŻEWĠ** kelmiet li juru telqa. (4)

3. Minn din is-silta ta’ poeżija sib eżempju ta’ asindeto, iktbu, u fisser l-effett li l-poeta joħloq permezz ta’ din il-figura tat-taħdit. (4)

4. X’effett joħloq il-poeta bil-vers: “bil-mużika tar-rebbiegħa?” Ikteb għaliex. (4)

5. Fl-aħħar tas-silta ta’ din il-poeżija, għaliex il-poeta jgħid li r-riħ huwa bżonjuż? Ikkwota **ŻEWĠ** frażijiet li juru dan, u fissirhom. (4)

**(Total: 20 marka)**

**JEW**

**B. Aqra sewwa din is-silta mill-poeżija *Katrin tal-Imdina* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Katrin tal-Imdina,*** Dwardu Cachia

Bdiet taqbida li ma bħalha
Minn Ħal Lija sa Ħ'Attard;
Aħbat, idrob, infed, oqtol ...
Wied tad-dmija ġera fl-art.

Mietu bosta mill-għedewwa,
Il-Maltin ukoll batew,
Dawna rebħu, dawka ħarbu
Lejn ix-xtut mnejn kienu ġew.

It-taqbida kienet ħarxa,
Damet sewwa nofstanhar.
Rjus it-Torok bħala rebħa
Quddiem bagħtu għall-aħbar.

* * *

Bi rjushom imgħaddsa
l-Imdina deħlin,
kemm ħarġu qalbiena!
Għala issa mnikktin?

Għaliex din il-ħemda?
Dil-ħasra x'inhija?
Xi tkun dik is-sura
Li ġiebu mgħottija?

Il-Ħakem x'sar minnu,
l-għarus ta' Katrina,
li rajtu filgħodu
imdawwar biż-żina?

**Wieġeb:**

1. X'jissejjaħ il-ġeneru ta' din il-poeżija? Semmi **TLIET** karatteristiċi li nsibu f'dan il-ġeneru. (4)

2. X'inhu r-ritmu tal-ewwel tliet strofi ta' din is-silta ta' poeżija, u għaliex il-poeta joħloq dan ir-ritmu? (4)

3. X'inhu t-ton tal-aħħar tliet srofi ta' din is-silta ta' poeżija, u għalfejn il-poeta joħloq dan it-ton? (4)

4. Fisser x'inhu l-effett li joħloq il-poeta bil-mistoqsijiet li jsaqsi fl-aħħar tliet strofi ta' din is-silta ta' poeżija. (4)

5. Ikteb dwar il-metrika li jħaddem il-poeta fl-ewwel tliet strofi u fl-aħħar tliet strofi ta' din is-silta. X'differenzi tinnota bejniethom, u għalfejn il-poeta joħloq dawn id-differenzi? (4)

**(Total: 20 marka)**

**IT-TIENI TAQSIMA: IR-REFERENZA GĦALL-KUNTEST – IL-PROŻA**

**Agħżel silta WAĦDA (A JEW B).**

**A. Aqra sewwa din is-silta mill-proża *Xtara l-Ħut fil-Baħar* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Xtara l-Ħut fil-Baħar,*** Laurence Mizzi

Aġent kellu lil Ġorġ l-Ispitfire, raġel bla skrupli li min jaf kemm kien għamel flus fi żmien il-gwerra mill-black market, iżda ma kienx irnexxielu jfaddal sold wieħed għax kien jilgħabhom. Sabu għal taħt snienu. Ta' kull filgħaxija kienu jmorrulek ir-ronda tal-ħwienet tar-raħal. Is-Sur Tonin iħallas, u Ġorġ ilegleg. Qabel jidħlu, l-Ispitfire kien idur lejn sħabu u b'għemża kien ifakkarhom li l-elezzjoni kienet qorbot biex ma jinsewx lill-benefattur tar-raħal. Barra minn hekk is-Sur Tonin kien qiegħed itih lira kuljum ta' dan l-iskomdu. X'ma jiħux pjaċir meta jaqa' l-Gvern! "Nirrah jaqa' kuljum," kien iħobb itenni ma' sħabu. Erbat ijiem qabel l-elezzjoni, Ġorġ ġabar lit-tfal t'oħtu u qabbadhom jimlew l-envilopsijiet bir-ritratt tas-Sur Tonin li kien ħa ma' żewġ xadini wara l-knisja. Ma għandniex xi ngħidu t-tfal ma qagħdux jieħdu dax-xogħol għalxejn ...

B'xorti ħażina meta l-elezzjoni kien baqgħalha biss tlitt ijiem inxteħet. Kellu deni ta' żiemel. "Bl-eċitament," qallu t-tabib tar-raħal. Is-Sur Tonin xtaq jagħti ġidu biex ikun jista' jmur ħdejn l-iskola fejn kienu qed jivvutaw in-nies iżda Ċikka, it-tabib u l-kappillan ipperswadewh biex jibqa' fis-sodda ħalli meta jitla' jkun jista' jmur jirringrazzja lin-nies. It-Tnejn filgħaxija Ġorġ ħaliflu li mis-sitt mitt vot tar-raħal ma kellux jieħu inqas minn ħames mija. Kulħadd kien aċċertah li n-numru unu lis-Sur Tonin kien tah. Għal dan il-kliem ta' ħeġġa żewġ Ċikka mtela bil-kuraġġ. Fetaħ xi fliexken tal-ġnibru u tal-wiski u lestiehom għal meta jibda l-ferħ. Il-bibien u t-twieqi kienu miftuħa beraħ, waħedhom jgħidulek għaddi. Is-Sur Tonin u martu bilqiegħda fuq pultruna jgħoddu s-sekondi sa ma r-Rediffusion jibda jħabbar ir-riżultati.

Sbieħ it-Tlieta ħolom li tela' bil-kwota. Kulħadd ġie biex jifraħlu. Ħolom li għamluh ministru tal-biedja. Kompla joħlom li Ċikka kienet telqitu għax ma kienx baqa' jirrispettaha. Stenbaħ inkwetat iżda xħin lemaħ lil martu fl-isbaħ nagħsa maġenbu serraħ rasu u kompla joħlom. L-Erbgħa filgħaxija kien għadu kemm daħal id-dar meta sema' l-announcer tar-Rediffusion iħabbar li kien ser jaqra l-ewwel count tat-tielet distrett. Is-Sur Tonin ħares lejn martu, din tbissmitlu u għoqla ta' ferħ telgħet fi griżmejh. Qabbad sigarru ... "Anthony Callus, benestant, Partit Malti tal-Bdiewa ... tlieta ..." (għal waqt ħaseb li ġejja tlitt elef) ... sebgħa ... Sebgħa u tletin."

**Wieġeb:**

1. X'inhu l-irwol ta' Ġorġ l-Ispitfire fil-kuntest tal-ġrajja ta' din is-silta min-novella, u x'nafu dwar il-karattru tiegħu? Irreferi għal eżempji mis-silta. (5)

2. Islet mis-silta **TLIET** kelmiet jew frażijiet li huma assoċjati ma' elezzjoni. Għalfejn l-awtur juża dan il-vokabularju? (5)

3. Minn dak li naqraw f'din is-silta, taħseb li l-isem tan-novella *Xtara l-Ħut fil-Baħar* huwa addattat? Ikteb għaliex taħseb hekk billi tirreferi għas-silta. (5)

4. Fil-paragrafu ta' qabel tal-aħħar naqraw li s-Sur Tonin "kompla joħlom." In-narratur xi jrid jifhem b'dan il-verb, u x'effett jinħoloq fl-aħħar tas-silta permezz ta' dan il-ħolm? (5)

**(Total: 20 marka)**

**JEW**

**B. Aqra sewwa din is-silta mill-proża *Ix-Xini Jimxi fl-Art* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Ix-Xini Jimxi fl-Art***, Manwel Magri

Waslu għand is-sultan. Qabeż ix-xiħ u qallu: "Hawn hu daż-żagħżugħ: huwa għamel ix-xini jimxi fl-art, biex iżżewġu."

"Ma nżewġux," qal is-sultan, "għajr kien hu jixrob l-inbid li għandi."

Jaqbeż ix-xiħ, qallu liż-żagħżugħ: "Taqta' qalbek xejn: għandek 'il dak li ilu jixrob sena u għad ma qatax l-għatx; jixorbu hu."

Ħaduh ġewwa l-maħżen mimli btieti u beda jaqbadhom bejn idejh: il-battala jbattihom lura, il-mimlija jixrobhom. Xorbu.

Ix-xiħ iħares lejh (lejn is-sultan), qallu: "Xorbu. X'se tagħmel?"

"Ma nżewġux," wieġbu, "għajr kien hu jerfa' d-deheb kollu li għandi."

Qabeż ix-xiħ u qal, lil dak li għamel ix-xini: "Issewwed qalbek xejn, għandna lil dak li ilu sena jaqta' l-ġebel u għad ma qatax biex jitgħabba; jerfgħu hu."

Ġabuh, rabat id-deheb kollu tas-sultan sensiela waħda u ħareġ 'il barra bih.

Ix-xiħ jerġa' jdur lejn is-sultan u qallu: "Refgħu, ma żżewġux?"

U s-sultan: "Ma nżewġux, għajr kien huwa li jmur jimla qolla ilma mat-tifla u jasal qabilha."

Ix-xiħ liż-żagħżugħ qallu: "Taqta' qalbek xejn. Għandna 'l dak li jimxi għarkupptejh mar-riħ u jgħaddih; lilha sejjer ma jgħaddix?"

Telqu t-tifla u hu; waslu ħdejn l-għajn, u hi, ħażina, qaltlu: "Tridx niflilek?"

Qallha: "Ija."

U qabdet itteftiflu f'rasu. U hu, ilu ma jorqod tmint ijiem, għajnu marret bih u raqad. Hawn qamet qajl, qajl, imliet il-qolla tagħha. Is-sultan, kif raha feġġet u tielgħa t-taraġ, għajjat: "Rajtx kif għaddietu!"

Jaqbeż ix-xiħ malajr: "Fejn hu dak li jaf xi jsir fid-dinja?"

"Hawn!"

"Ara bilġri!"

Dak qiegħed widintu fl-art u qal: "Rieqed ħdejn il-għajn."

U bla telf ta' żmien reġa' x-xiħ: "Fejn hu dak li jispara u jaf fejn jolqot?"

"Hawn!"

Dan ġibed, laqat il-ġebla ta' taħt ras dak li kien rieqed, il-ġebla ttir u hu jqum bilġri, jġi fih innifsu, jimla l-qolla u bil-ħeffa tar-riħ jasal quddiem is-sultan waqt li t-tifla għadha tielgħa t-taraġ.

Is-sultan ra hekk, għadab u qatagħha illi dak li għamel ix-xini jimxi fl-art jiġi maqtul mill-baħrin tiegħu nnifsu. Ix-xiħ talab li kieku joqtluh 'il barra. Is-sultan qal iva; iżda mar hu nnifsu bl-eżerċtu tiegħu biex jara li l-ħaġa ssir sewwa taħt għajnejh.

Kif wasal u kollox lest biex dak jiġi mneħħi mid-dinja, ix-xiħ qal lil dak li jagħmel it-taqlib fl-ajru biex jinqaleb żaqqu 'l isfel. Kif dan, waqgħet dalma kbira u l-baħrin flok ma ġibdu għal dak li għamel ix-xini jimxi fl-art, ġibdu għal fuq is-sultan u miet. Ix-xiħ qal lil dak li jagħmel it-taqlib fis-sema biex jinqaleb żaqqu 'l fuq u safa. Ħadu lil dak li għamel ix-xini fid-dar tas-sultan, tawh l-ilbies tas-sultan, xeddewlu l-kuruna u qalu: "Tħabat xebgħa, tawh il-kuruna, u ġiebha kif ried, għax lilu kienet imwiegħda u hu ħadha."

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

**Wieġeb:**

1. X'inhu l-ġeneru ta' din il-kitba? Islet **TLIET** eżempji minn din is-silta li jagħtu ħjiel tal-karatteristiċi li nsibu fiha. (5)

2. Billi tagħti eżempji mis-silta, ikteb dwar l-element fantastiku li nsibu fiha. (5)

3. X'nafu dwar il-karattru tas-sultan minn dak li naqraw f'din is-silta? Ikkwota biex issaħħaħ **TNEJN** mill-karatteristiċi li semmejt. (5)

4. Din is-silta hija narrattiva jew deskrittiva? Ikteb għaliex għamilt din l-għażla. (5)

**(Total: 20 marka)**

**IT-TIELET TAQSIMA: IL-KOMPONIMENTI LETTERARJI – *BEJN ĦALTEJN* (BARRA *IL-ĦARSA TA' RUŻANN*)**

**Agħżel mistoqsija WAĦDA u ikteb komponiment ta' madwar 200 kelma. Tinsiex tirreferi għax-xogħlijiet tal-mistoqsija li tagħżel. M'hemmx għalfejn tikkwota kelma b'kelma mix-xogħlijiet tal-antoloġija.**

1. Fisser kif diversi awturi jiktbu dwar tifkiriet mimlijin nostalġija fil-poeżiji jew proża tagħhom.

2. Il-mara fis-soċjetà tal-lum mhijiex ittrattata kif jixirqilha. Iddiskuti dan l-argument billi tirreferi għal xi xogħlijiet letterarji li nsibu fl-antoloġija *Bejn Ħaltejn*.

**(Total: 30 marka)**

**IR-RABA' TAQSIMA: IL-KOMPONIMENT LETTERARJU – *IL-ĦARSA TA' RUŻANN* TA' FRANCIS EBEJER**

**Agħżel mistoqsija WAĦDA u ikteb komponiment ta' madwar 200 kelma. M'hemmx għalfejn tikkwota kelma b'kelma mir-rumanzett.**

1. Fir-rumanzett *Il-Ħarsa ta' Rużann* ta' Francis Ebejer għal liema raġunijiet Rużann żammet għajnejha fuq id-dixxendenti tagħha? Iddiskuti.

**JEW**

2. Fir-rumanzett *Il-Ħarsa ta' Rużann* ta' Francis Ebejer, x'tip ta' karattru kellhom il-baruni x-xiħ u ibnu l-Baronċin Mark Antonin? Agħmel enfasi fuq id-differenzi ta' bejniethom.

**(Total: 30 marka)**